# Lejla ta' Marsalforn

Lejla ta' Marsalforn mimlija kwiekeb,
Kemm hu sabiħ tistrieħ fil-beraħ tiegħek,
Kemm hu sabiħ tintelaq f'din il-ħemda,
U f'it-tepttip tal-kwiekeb
Tisma' t-taħbit ta' qalbek,
Titħannen ġewwa drieghek!
Hemm fuq, fil-bogħ'd, hemm kewkba tiddi aħmar
Minn jaf għaliex, minn jaf għaliex dil-ħmura!
Forsi xi qalb li xewqtha ħadd ma xabba'
Titbekka hemm fuq l-imħabba?
Jew xi ruħ mitlufa,
Li rat tamietha jaqgħu waħda waħda,
U bħali xorbot kmieni
Il-qrusa ta' kull ċaħda?
Iżd' hemm bħal festa ġewwa s-sema l-lejla,
Festa ta' dawl u skiet,
F'dawk it-triqat ħemdija,
F'dawk it-triqat slemija,
Minn tas-smewwiet.
Tasal ma ġenbi qajla qajla l-mewġa,
U dlonk tmut fejn riġlejja,
L-għajjat u l-ħoss ta' ġnus u bliet imbegħda
Issamma' ġo widnejja;
Ġiebet dil-mewġa magħha
Bħal dwejjaq li jittieħed,
Għax il-bnedmin koll' aħwa
U d-dinja pajjiż wieħed.
Warajja n-nies tiġġerra fuq ix-xtajta
F'nisġa ta' mħabba, ta' mibegħda u għira,
Mitt qalb il-lejla tmur fis-sodda hienja,
Mitt qalb tisbaħ ilsira.
Lejla ta' Marsalforn mimlija kwiekeb,
Għalkemm bla tarf il-ġmiel u s-seħer tiegħek,
Għalkemm in-nies hawnhekk id-dwejjaq tinsa,
Imħanna ġewwa drieghek,
Inti l-istess bħal ljieli koroh l-oħra
Għal ruħ mis-sliem imbegħda,
Għal moħħ li jaħseb dejjem,
Għal qalb minn ta' Poeta.

ĠORĠ PISANI